MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-3 ta' April, 2003

Numru. 72/2003

PULIZIJA
SPETTUR RAMON MERCIECA
SPETTUR PAUL CAMILLERI
VS
CARMEL AGIUS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmel Agius ta' 25 sena bin Joseph u Mary nee Lughermo, imwieled Pieta fl-10 ta' Marzu 1977 u joqghod Blokk A Flat 1, Triq San Nikola Valletta u detentur tal-karta tal-identita numru 159777M talli f'dawn il-gzejjer nhar it-13 ta' Jannar 2003 u fix-xhur ta' qabel xjentement xtara jew laqa ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira maltin izda anqas minn hames mitt lira maltin, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan jsir f'Malta jew barra minn Malta, jw xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahlet biex tbieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-3 t'April 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 334 tal-kap 9 u Art 5 tal-kap 152 u tqieghed lill-imputat taht ordni ta' supervizzjoni taht il-probation officer Carmen Nygaard ghal perjodu ta' sentejn.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------